# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU 1735

Każ Nru 2369/FM

Fit-Tilwima tax-Xogħol

bejn

General Workers' Union

u

RJC Caterers Ltd u
Corinthia Palace Hotel Ltd

dwar allegat trasferiment ta' negozju bejn
il-kumpaniji intimati

Data: 25 ta' Ottubru 2006

**Chairman: Franco Masini**
**Membri: Joe Grima**
**Arthur Muscat**

## 1. Introduzzjoni

Fis-17 ta' Mejju 2006 l-Onorevoli Ministru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol irrefera lit-Tribunal ittra mill-GWU dwar nuqqas ta' qbil fuq l-applikabilità tar-regoli dwar trasferiment ta' negozju. It-Tribunal beda jieħu konjizzjoni tal-każ wara li f'Awwissu dan il-każ ġie allokat lilu. Kien hemm żewġ seduti. l-Avukat Paul Farrugia, f'isem l-RJC Caterers Ltd issolleva eċċezzjoni preliminari fis-sens li l-GWU ma kelliex *locus standi* peress illi l-ebda drittijiet tagħha ma kienu qed jiġu preġudikati u lil min kienet qed tirrappreżenta kienu preżenti Malta u skond il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kellhom ikunu huma li jippreżentaw il-każ. L-Avukati Aaron Mifsud Bonnici u Marvic DeBarro, li kienu qed jidhru għal General Workers' Union ippreżentaw nota responsiva għal dik ta' Dr Farrugia. F'dan l-istadju l-Avukatess Vanessa Millo, f'isem il-Corinthia Palace Hotel Company Ltd, għażlet li ma tipprezentax nota. responsiva għal dik ta' Dr Paul Farrugia.

## 2. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal eżamina bir-reqqa n-Nota ta' Osservazzjonijiet ppreżentati minn RJC Caterers Ltd. u l-General Workers' Union.

Irid jingħad li t-Tribunal minkejja li hu stabbilit bil-liġi *ad hoc* irid ġeneralment jimxi skond il-liġijiet tal-pajjiż u għalhekk ukoll a bażi tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, b'ċerti diskrezzjonijiet favur it-Tribunal. Dawn huma ntiżi sabiex ikun hemm speditezza tal-każijiet u ġustizzja mogħtija fuq bażi tal-fehma ta' bniedem ordinarju u mhux dak purament legali.

It-Tribunal ħa in konsiderazzjoni n-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' RJC Caterers Ltd li fl-opinjoni tat-Tribunal hija spjegazzjoni korretta tal-Liġi dwar rapprezentanza fil-Qrati u Tribunali meta persuna tkun preżenti f'Malta, u ukoll dwar l-interesss ġjuridiku li parti għandu jkollha sabiex il-persuna (sija fiżika jew morali) tista tkun parti fi proċeduri ġjudizzjali. Hawnhekk l-abbli difensur jittratta dwar ir-rwol tal-GWU għan-nom ta ta' ħaddiema ndividwali. Pero dana hu applikabbli kemm-il darba l-pendenza quddiem it-Tribunal hija bejn persuni fisiċi. Għalhekk din it-teżi tkun applikabbli biss jekk it-tilwima preżenti tikkonċerna każ ta' individwi u mhux tilwima industrijali.

Dana l-punt tqajjem abilment mill-Avukat tal-GWU fejn issottometta illi l-preżenti tilwima hija tilwima industrijali. Jekk dan il-każ hu tilwima industrijali l-GWU tista tkun parti *per se* fil-konfront ta' persuna oħra anke jekk fil-fatt fl-aħħar nett u ultimament rapprezentanti ta' individwi persuni fisiċi.

Fil-fehma tat-Tribunal dan il-każ fil-fatt hekk hu. Il-problema ma tittrattax purament u sempliċement dwar tkċċija ta' individwu iżda titratta dwar interpretazzjoni tal-artikolu 38 tal-Kap 452 li għandu effett fuq numru ta' ħaddiema, rappreżentati mill-GWU. L-artikolu 38 tal-Kap 452 jaqa' taħt l-Ewwel Titolu tal-Liġi, u f'materja ta' din in-natura t-Tribunal għandu kompetenza u għandu jkun iffurmat minn tlett membri stante li din hija tilwima industrijali. Għal kull buon fini (avolja mhux determinanti) anke il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħazagħ u Xogħol ikklassifika din id-disputa bħala tilwima industrijali tant li t-Tribunal ġie appositament kompost minn tlett membri.

## 3. Deċiżjoni

Għaldaqstant it-Tribunal hu tal-fehma li l-preżenti tilwima hija tilwima industrijali u li l-GWU għandha d-dritt li tkun parti, kif fil-fatt hija parti mingħajr ma joqgħod jidħol fir-rappreżentanza tal-GWU għan-nom ta' persuni fisiċi preżenti fil-gżejjer Maltin, u mingħajr ma wieħed jidħol fuq il-bżonn ta' interess ġjuridiku da parti tal-GWU.

It-Tribunal Industrijali issa jgħaddi biex jittratta l-merti tal-każ.

| Franco Masini | Joe Grima | Arthur Muscat |
|---|---|---|
| Chairman | Membru | Membru |

Mary Rose Galea
A/Segretarja